

# MAĦFRA *for granted*

Riflessjoni minn Fr Luke Cutajar

"Mhux ovvja! L-aqwa li tgħid *sorry.*" Minjaf kemm irraġunajna hekk meta konna tfal biex neħilsu mill-konsegwenzi ta' xi ħaġa ħażina li nkunu nqbadna nagħmlu. Donnu bil-kelma *sorry* nimmaġinaw li jsiru l-*magics* u nsolvu kollox.

Fil-qrar immorru ngħidu *sorry* u nammettu d-dgħufijiet tagħna. Inkunu nixtiequ li mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tal-Mulej, ma nidinbu qatt u qatt iżjed. Pero' qisu ma jiġri xejn speċjali għaliex nagħmlu d-dnubiet konna u nagħmlu d-dnubiet bqajna. Fejn hu l-*magic* li tant emminna li jseħħ bil-kelma '*sorry*'? Nistqarr li għal ħafna żmien, anke bħala qassis, b'xi mod kont għadni nemmen hekk... uwija l-Mulej jaħfirlek.

Il-Papa Franġisku mhux l-ewwel darba li tkellem fuq il-maħfra ta' Alla. "Il-Mulej ma jgħejja qatt li jaħfer! Huwa aħna li ngħejjew, li nitolbu maħfra." Ngħiduha kif inhi, mhix faċli titlob maħfra. Meta tasal f'punt li tinżel għarkubbtejk quddiem sieħbek li inti nqast gravament u bid-dmugħ f'għajnejk titolbu jaħfirlek, hemmhekk tinduna kemm nieħdu l-maħfra t'Alla *for granted.* Kif nista nippretendi li xi ħadd jaħfirli wara li nkun weġġajtu? Ma jistħoqqlix. Imma hija l-imħabba biss twassal lill-persuna jagħti r-rigal tal-maħfra.

Meta niftakar fil-mod kif nersaq lejn il-qrar jaqbadni l-bard. Il-Mulej jixtieq jaħfirli dejjem u jgħannaqni miegħu mill-ġdid għaliex l-imħabba tiegħu hija ikbar minn kull nuqqas tiegħi. Imma mhux li nihodha *for granted*, daqs li kieku bi dritt! Niftakar meta Pietru saqsa lil-Ġesu', "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?" U Ġesu' jirrakkonta kif wieħed sid ħafer dejn kbir lil wieħed qaddej li talbu bil-ħniena. Minkejja ġest ġeneruż bħal dan, il-qaddej xejn m'apprezza dik il-maħfra kbira li rċieva, u malli ltaqa ma wieħed minn sħabu li kellu dejn vera ċkejken miegħu "qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu." [Mt:18:29]

Iebsa u umiljanti ħafna li titlob maħfra lill-bnedmin li jidinbu bħalek. Allura kif immur b'daqshekk kunfidenza quddiem Alla li ma jidneb qatt? Forsi għax drajt li Alla jaħfirli dejjem? Ma jkun qatt! Għaliex jekk nidra nieħu l-maħfra t'Alla *for granted* allura nibda nippretendi li l-bnedmin faċli jaħfruli daqs tazza ilma. Hemm il-weġgħa li trid tfiq, hemm il-ħsara li trid tissewwa, hemm l-imħabba li trid tirbaħ. Il-maħfra hija ħaġa ta' Alla u aħna naħfru għaliex l-ewwel ħafrilna Alla. Aħna nħobbu għaliex l-ewwel irċevejna mill-abbundanza tal-imħabba ta' Alla.

"Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin." [1Ġw:4:11]